

# Aħbar Tajba

Ġen 2, 7-9; 3, 1-7
Salm 50 (51), 3-4.5-6a.12-13.14.17
Rum 5, 12-19
Mt 4, 1-11

"Hemm miktub: 'Il-Bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix
**imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla'."**

Qatt mort tiekol f'xi restaurant u kif lestejt tiekol ġie l-wejter b'gabarrè daqsiex kollu deżerti differenti? Kejkijiet taċ-ċikkulata, torti differenti bil-krema u bil-frott; insomma lista twila tal-itjeb ħelu li tista' toħlom. Għalkemm tkun mimli daqs bajda mill-ikla li għadek kif spiċċajt xorta tiġik it-tentazzjoni li tieħu d-deżerta!

L-Evanġelju tal-lum se jkellimna fuq dan, mhux fuq il-ħelu imma, fuq it-tentazzjonijiet! Xi jkunu eżatt it-tentazzjonijiet? B'tentazzjoni nifhmu meta tiġina l-ħajra li nagħmlu xi ħaġa li jew ma tkunx tajba jew inkella mhux fil-waqt tagħha. Per eżempju jkollok ħafna xogħol tal-iskola x'tagħmel, imma fuq it-TV għadu kif beda programm li tħobb, u f'moħħok tibda thewden jekk tistax tmur tara l-programm, imbagħad tagħmel ix-xogħol wara, filwaqt li tkun taf li jekk toqgħod tara l-programm mhux se jkollok ħin biżżejjed biex tlesti xogħlok.

Fl-Evanġelju nsibu lil Ġesù fid-deżert, jipprepara ruħu għall-missjoni li kellu quddiemu biex iwassal is-Saltna ta' Alla. Hawnhekk idaħħal denbu x-xitan biex jipprova jtellfu. Ġesù kien qed isum u allura x-xitan qallu: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż." Ma fiha xejn ħażin li tiekol il-ħobż, imma x-xitan kien qiegħed juża l-iskuża tal-ġuħ li kellu biex itellfu milli jipprepara ruħu sew. Għalkemm Ġesù ħassha t-tentazzjoni, bħalma nħossuha aħna meta jkollna ħafna ġuħ u naraw xi vetrina mimlija ikel, ma' ħalliex lit-tentazzjoni tirbħu. Imma x-xitan ma jaqtax qalbu u jerġa' jipprova jtellfu billi jagħmillu żewġ tentazzjonijiet oħra. Imma kull darba Ġesù kien jieqaf u, wara li jaħseb ftit, isiblu xi silta mill-Bibbja li tgħinu jirbaħ lix-xitan. Fl-aħħar ix-xitan qata' qalbu u telaq.

Bl-eżempju tiegħu Ġesù jurina kif nirbħu dawn it-tentazzjonijiet. L-ewwel nett ma ninsewx li l-istorja tibda b'Ġesù jitlob. It-talb huwa waħda mill-ikbar għodda biex negħlbu dawn it-tentazzjonijiet. Għodda oħra li Ġesù juża hija l-Bibbja. Għal kull tentazzjoni li x-xitan ħareġ biha biex itellfu, Ġesù sab silta mill-Bibbja li tgħinu jirbaħlu. Imma kif kien jafhom dawk is-siltiet tal-Bibbja? Żgur li hu u jikber Ġesù kellu nies li għallmuh dwar il-Bibbja u t-tagħlim tagħha. Għalhekk tajjeb li fil-ġimgħat tagħna, naraw li nsibu ħin biex nitolbu kif ukoll biex nattendu xi grupp fejn insiru aktar familjari mal-Bibbja u hekk inkomplu nersqu viċin tas-Sinjur Alla.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
ĠESÙ, DEŻERT, XITAN, IĠARRBU, ERBGĦIN, JUM, TENTATUR, ĠEBEL, ĦOBŻ, QUĊĊATA, TEMPJU, MUNTANJA, GĦOLJA, ALLA, MULEJ, TADURA, TAQDI.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | A | T | E | N | T | A | T | U | R |
| A | L | L | A | Ħ | B | E | T | L | T |
| Ż | A | R | E | O | E | H | X | T | A |
| J | Ġ | E | R | B | M | E | I | E | Q |
| U | Q | D | E | Ż | E | R | T | M | D |
| M | U | N | T | A | N | J | A | P | I |
| I | Ċ | K | O | K | A | E | N | J | N |
| T | Ċ | I | Ġ | A | R | R | B | U | A |
| M | A | A | E | GĦ | B | B | N | A | J |
| U | T | J | B | O | E | GĦ | M | IE | Ġ |
| L | A | I | E | L | T | I | A | D | E |
| E | L | I | L | J | S | N | A | J | S |
| J | A | L | T | A | D | U | R | A | Ù |



## Dik attitudni!



Inti għalik kollox jgħaddi? Jew tgħallimt u taf tirraġuna? Tara l-affarijiet b'responsabbiltà? Taf tagħraf bejn il-brimba u l-għanqbuta? Kulħadd jgħidlek li inutli tneħħi l-għanqbut jekk il-brimba baqgħet tfeġġ u tinħbielek 'l hemm u 'l hawn!!

Għalhekk taf li aħjar tara x'inhi l-kawża ta' problema qabel ma' tintilef fl-effetti tagħha. Ma nista' nikkontrolla lil ħadd, imma nista' nikkontrolla lili nnifsi! Nista' nagħmel xi ħaġa jien. U nagħmel għax nifhem li bejn it-tajjeb u l-ħażin, għandi nagħmel it-tajjeb. U bejn tajjeb u tajjeb, għandi nfittex li nagħmel l-aħjar. Hekk diġà tajjeb ħafna!

Mela kif qed tieħu d-deċiżjonijiet? Kif jaqbillek biss? Jew tagħti każ l-ambjent u n-nies ta' madwarek? X'qed tgħid?X'qed tagħmel?

L-istil tal-ħajja tiegħek qed iżommok f'saħħtek? U qed tibża' għas-saħħa u l-kuntentizza ta' ħaddieħor?

Tajjeb niftakar li rrid jew ma rridx kull deċiżjoni li nieħu fiha l-konsegwenzi tagħha. Allura aħjar naħseb x'jiġri wara!!


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com





mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**





**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION